MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 65

31 ta' Jannar 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 65 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

### KONDOLJANZI

Fil-bidu tas-seduta, is-Sindku, f`isem il-Kunsill kollu, ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier J. Azzopardi wara li mewt ta' missieru Francis, li ġrat fid-29 ta' Jannar 2010. Huwa awgura li f`dawn il-mumenti ta' sogħba jsib il-kuraġġ biex ikompli l-ħidma tiegħu.

Is-Sur Azzopardi rringrazzja lil kull min attenda l-funeral jew wera simpatija miegħu.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.3. **(Ref: T/3/3/Vol IV; T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

"*2.8.3. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u ġibed l-attenzjoni għal avviż li deher fir-ġurnali, fejn Transport Malta sejħet laqgħa ta' konsultazzjoni mal-pubbliku dwar il-proposti tal-Kunsill. Din ser issir fid-19 ta' Jannar 2011 fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Fl-istess avviż il-pubbliku ġie nfurmat li jista' jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub sat-12 ta' Jannar, jew waqt l-istess laqgħa. Is-Sur R. Cutajar għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu jgħati l-opinjoni tiegħu għall-konklużjonijiet fir-rapport ta' Transport Malta sad-data imsemmija. Huwa aċċenna għall-punti mqajjma fl-istess rapport u kkummenta li għandu dettalji kontradittorji u mhux eżatti, hekk li per eżempju ssemmew fiħ toroq li huma rreleventi mal-implementazzjoni tal-proposti li saru mill-Kunsill.*".

1.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera wkoll għall-minuta 2.6.2. **(Ref: P/10/12; A/5/5/Vol V)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara hekk:

"*2.6.2. Sar aċċenn għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Comune di Casalborgone ġie mistoqsi dwar jekk huwiex dispost li jkompli bil-programm tal-Proġett Terra Mirabilis li kellu jiżvolgi bejn l-1 u l-4 ta' Marzu 2012, peress li l-Kunsill daħal għal ċerti committments.*".

1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.12.2. **(Ref: P/4/6/Vol III)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

"*2.12.2. Is-Sindku għarraf li l-Kummissarju tal-Artijiet għadda kopja tal-kuntratt dwar id-devoluzzjoni tal-art kollha nvoluta fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibrag, fejn huwa stabbilit li l-kera hija ta' €350 fis-sena għal tliet snin.*".

1.4. Is-Sindku aċċenna wkoll għall-minuta 2.15.3. **(Ref: T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara hekk:

"*2.15.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.*".

1.5. Is-Sur R. Cutajar irrefera wkoll għall-minuta 9.3. **(Ref: A/5/3/1/Vol XII)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara hekk:

"9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li l-Kunsill attwali m'għandux jagħmel tibdil fil-kriterji f'dan l-istadju.".

1.6. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 64, bl-emendi proposti aktar 'il fuq, kif wkoll li l-istess minuti għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Resurfacing* ta' toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.2.1 tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ħarġet l-ittra ta' aċċettazzjoni sabiex isir *main* tal-ilma ġdid fi Triq l-Armier. Għarraf ukoll li issa fadal biss issir stima mill-*Contract Manager* konċernat sabiex jiġi stabbilit kemm jista' jiġi kopert minn Triq l-Armier bis-somma ta' €350,734 li 30% minnha ser ikopriha id-Dipartiment għall-Gvern Lokali taħt il-ftehim tal-*Public Private Partnership.*

2.1.3. Il-Kunsill innota l-iżvilupp li kien hemm dwar dan il-proġett.

### 2.2.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li seba' mit-tmien siġar tal-ficus li kien hemm fil-misraħ imsemmi ġew trasferiti għal Triq Napuljun Caruana Dingli. Dan l-eżerċizzju sar taħt is-superviżjoni ta' uffiċjali mill-Environmental Landscapes Consortium Ltd. It-tmien waħda tkun tista' tinqala' hekk kif jitneħħa l-arloġġ tal-elettriku u s-servizz tat-telefon u l-internet mit-*tourist information office*. Dan peress li t-trasferiment ta' din is-siġra jirrikjedi li titwaqqa' din il-kamra.

2.2.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti sabiex ikun jista' jitwettaq il-proġett ta' tisbiħ tal-misraħ. Intqal ukoll li ntbagħtet ittra lid-Direttur Gvern Lokali sabiex jiġi stabbilit kif ser ikunu jistgħu jiġu rkuprati l-ispejjeż ta' dan il-proġett wara li s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – l-Onor Chris Said – ta l-approvazzjoni tiegħu sabiex tiġi allokata s-somma ta' €407,677 mill-*Local Councils' Special Initiatives Vote* 5569, permezz ta' ittra datata 29 ta' Diċembru 2011.

2.2.4. Is-Sur R. Cutajar rrefera wkoll għal artiklu li deher fil-gazzetta *The Malta Independent on Sunday* tat-22 ta' Jannar 2012, fejn l-editur ikkwota persuna li lmenta li bil-proġett tal-Kunsill ser jonqsu 50 spazzju għall-ipparkjar, meta fil-verita` ser jonqsu biss tlettax. L-istess persuna kien qed imexxi l-kelma li l-Kunsill qed jagħmel dan ix-xogħol a bażi ta' permess skadut, meta kien hemm permessi validi kemm mill-MEPA, kif ukoll mid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

2.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Ewrieħ (P/4/14)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret is-sejħa għall-offerti sabiex ikun jista' isir it-titjib ippjanat.

2.3.3. Is-Segretarju ppropona li ssir talba lill-MEPA sabiex dan il-proġett jibbenefika mill-Fond għat-Titjib Urban (UIF), billi skond l-aħħar tagħrif mogħti mill-istess awtorita` il-bilanċ fiħ, fir-rigward tal-Mellieħa, kien jammonta għal € 112,256, skont *e-mail* datat 11 ta' Jannar 2012.

2.3.4. Il-Kunsill laqa' il-proposta tas-Segretarju.

### 2.4.1. Xogħlijiet fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fis-26 ta' Jannar 2012, il-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali l-Onor. George Pullicino għamel żjara fis-sit fejn għaddej ix-xogħol fuq il-Park tal-Familja biex jara l-progress li sar fuqu. Huwa qal ukoll li l-Ministru approva li x-xogħol fuq installazzjoni tal-ilma, il-provista u t-tqegħid tal-madum u l-*fittings* taċ-ċiramika meħtieġa ser jiġu ffinanzjati mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Ġie approvat ukoll ix-xogħol fuq il-pont li ser jaqsam fuq il-korsa tal-atletika u ser jgħaqqad Triq Guże` Flores mal-*multi-purpose court*. Għalhekk, ix-xogħlijiet meħtieġa ser isiru mill-ħaddiema tal-istess Dipartiment.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm.

### 2.5.1. *Bus Stop* fi Triq il-Kbira (T/5/1/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.15.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-*bus stop* li kien hemm fi Triq il-Kbira, qrib il-kantuniera ma' Triq Snajjin, kien tneħħa. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li dan qatt ma kellu jitwaħħal hemm, għaliex minbarra li jikkawża konġestjoni tat-traffiku, huwa perikoluż għal min ikun qed jistenna hemm. Huwa qal ukoll li d-distanza bejnu u dak li hemm bejn Triq l-Etna u Triq in-Nahal, hija nsinifikanti u m'għandux jiġi kkawżat inkonvenjent. Il-Kunsillier J. Buttigieg qabel ma' din il-posizzjoni.

2.5.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.6.1. Ftehim dwar il-ġbir ta' skart reċiklabbli (K/6/10/Vol III)(K/6/11)

2.6.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċendenti u għarraf li saret il-laqgħa ma' Green MT Ltd u jidher li m'għandux ikun hemm problemi biex il-ftehim imsemmi jiġi mġedded taħt l-istess kundizzjonijiet, fosthom li jitqassmu l-boroz il-ġriżi, bħala forma ta' edukazzjoni lir-residenti ntiża sabiex jisseparaw l-iskart. Huwa ppropona li dan jiġi ffirmat waqt il-*clean-up* li ser tiġi organizzata fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill fit-3 ta' Marzu 2012.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet u approva l-iffirmar tal-ftehim.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 26/01/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 28/12/2011 – 24/01/12;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz finali – Estimi Finanzjarji 2012;
- Abbozz finali – Pjan ta' Ħidma 2012-2014;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Installazzjoni tal-Elettriku fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol V)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-kuntratt li ngħata lill-Mica Med Ltd dwar ix-xogħlijiet imsemmija. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li permezz ta' *e-mail* datat 26 ta' Jannar 2012, l-istess kuntrattur għarraf li minħabba t-topografija tal-art fejn ser jitwaħħlu s-sitt arbli madwar il-*multi-purpose court*, dawn jridu jkunu twal 15'il metru minflok 9 metri. Dan jgħolli l-prezz għal €1,550 kull arblu, li jinkludi il-*contract management fee* u l-VAT. Għalhekk, il-prezz totali ta' dawn is-sitt arbli ser jiżdied minn €5,040 għal €9,300.

4.1.3. Il-Kunsill approva l-istima mogħtija wara li ttieħed in konsiderazzjoni li l-vot 7509 dwar il-Park tal-Familja hemm parti minnu sabiex tiġi wżata bħala kontinġenza.

### 4.2.1. Ljieli Melleħin 2012 (A/5/3/5/Vol IV)(P/10/8)

4.2.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li intbagħtu stediniet lit-tliet lokalitajiet ġemellati – Adenau, Cavriglia u Agia Napa – sabiex jipparteċipaw fl-Ljieli Melleħin 2012. Sad-data tas-seduta, il-Comune di Cavriglia kienu wrew li jieħdu sehem. Huwa ppropona li ssir applikazzjoni għall-finanzjament ta' l-ispejjeż relatati permezz tal-programm tal-Unjoni Ewropea – *Europe for Citizens*.

4.2.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 4.3.1. Użu ta' fond fi Triq Tas-Salib k/m Triq iż-Żnuber (A/6/5)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 9 ta' Jannar 2012, mibgħuta mill-Ladies Craft Circle, fejn talbu sabiex jagħmlu użu mill-fond imsemmi minn fejn l-għaqda tkun tista' tiltaqa u tikkordina l-attivitajiet tagħha.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jgħaddi t-talba lit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern sabiex isir magħruf dwar jekk il-post huwiex vakanti.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 24 ta' Jannar 2012.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn it-28 ta' Diċembru 2011 u l-24 ta' Jannar 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedamressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

### 7.1. Sejħiet għall-offerti li għalqu fl-24 ta' Jannar 2012, dwar:

| | |
|---|---|
| **5/2011** | **Tqegħid ta' *Rubber Flooring* fil-Park tal-Familja, Tal-Ibraġ, Mellieħa (P/4/6/Vol III)** |
| **6/2011** | **Provvista, Installazzjoni, Ittestjar u Kummissjonar ta' Dwal għal Ġnien Dun Anton Debono fi Triq Ġuże` Flores, Mellieħa (P/4/6/Vol V)** |
| **7/2011** | **Provvista, Installazzjoni, Ittestjar u Kummissjonar ta' Sistema Fotovoltaika għal Ġnien Dun Anton Debono fi Triq Ġuże` Flores, Mellieħa (P/4/24)** |
| **8/2011** | **Provvista, Installazzjoni, Ittestjar u Kummissjonar ta' Sistema *CCTV* għal Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani, Mellieħa (P/2/1)** |
| **9/2011** | **Provvista u Twaħħil ta' *Safety Fencing* għal Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani, Mellieħa (P/2/1)** |
| **10/2011** | ***Refurbishment* tal-installazzjoni elettrika fi Ġnien il-Qigħan, Triq Qasam Barrani, Mellieħa (P/2/1)** |

7.2. Is-Segretarju għarraf li fl-24 ta' Jannar 2012 għalqu s-sejħiet indikati hawn fuq u l-prezzijiet ikkwotati ġew mgħoddija, kemm lill-offerenti konċernati u lill-istess kunsillieri. Huwa qal li s-sottomissjonijiet qed jiġu studjati mill-konsulenti nvoluti sabiex jagħmlu r-rapport tagħhom li għandu jiggwida lit-*Tender Adjudication Board* jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu.

7.3. Is-Sindku ppropona li fir-rigward tas-sejħa 5/2011 dwar ir-*rubber flooring* għall-Park tal-Familja għandu jiġi mistieden l-atleta li jikkompeti fuq livell internazzjonali – il-Perit Mario Bonello.

7.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet, kif ukoll approva l-proposta tas-Sindku.

### 8.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2012 (A/5/3/1/Vol XII)

8.2. Is-Sindku ppropona li wara konsultazzjoni mal-Kunsillieri C. Bartolo, is-serata tat-2 ta' Marzu 2012 tiġi ppreżentata mis-Sinjuri Antonia Micallef u Charles Saliba, filwaqt li l-

attivita` tal-anzjani tal-4 ta' Marzu tiġi ppreżentata mis-Sur Tony Camilleri. Is-Sur R. Cutajar qal li r-rata normalment mħallsa għal dan it-tip ta' servizz hija €100.

8.3. F'dak li huwa spettklu waqt is-serata tat-2 ta' Marzu, is-Sindku ppropona li jittellgħa l-*premier* tal-*musical* "L-Imħabba fuq l-Għolja", li miegħu jkun hemm marbuta l-ispejjeż għall-kiri tal-i*screen* u l-apparat tal-audio.

8.4. Il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li l-*curriculum vitae* tal-persuni onorati għandu jiġi moqri mill-kunsillier li jkun ser jippreżenta l-insigna jew il-medalja.

8.5. Is-Sur R. Cutajar, ippropona li għandu jiġi ppreżentat rigal lill-Ministru Chris Said bħala apprezzament għall-appoġġ li huwa ta lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa tul-il perjodu li huwa serva bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Huwa ppropona li jiġi ppreżentat ukoll rigal lill-Ministru Mario De Marco, li taħt il-patroċinju tiegħu ser tkun is-serata. Is-Sindku ppropona li dawn ikunu jikkonsistu f'pittura ta' John Borg tal-Bajja tal-Mellieħa u oħra ta' Louis Zammit li turi xena tal-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ.

8.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li fuq parir mill-Kappillan, il-Quddiesa ta' ringrazzjament ser issir fil-11.00am, filwaqt li l-attivitajiet sportivi fil-Ground Ta' Pennellu ser ikun bejn nofsinhar u 3.00pm, fl-istess jum.

8.7. Il-Kunsill approva l-proposti kollha mressqa.

## 9.1. Arrangamenti tat-traffiku temporanji waqt ir-rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieha u introduzzjoni ta' *one-ways* bi prova fit-toroq ewlenin, fi Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

9.2. Is-Sindku aċċenna għal diversi lmenti li daħlu mir-residenti dwar nuqqas ta' tabelli li jindikaw l-arrangamenti tat-traffiku temporanji sakemm ikunu għaddejjin ix-xogħlijiet fuq Dawret il-Mellieħa. Minħabba din ir-raġuni huwa talab li jiltaqa' fuq il-post mas-Sur Charles D'Alfonso minn Transport Malta, sabiex jiġu identifikati l-postijiet fejn dawn għandhom jitwaħħlu. Kien miftiehem ukoll li Triq il-Wied u Triq Monsinjur Indri Fenech għandhom jsiru one-way 'l isfel, filwaqt li Triq Ġnien Ingraw, bejn l-istess toroq, issir *one-way* bil-kontra. Is-Sur R. Cutajar kompla jispjega li ser jitwaħħlu tabelli fi Triq il-Mitħna l-Ġdida kantuniera ma' Triq is-Santwarju bil-kliem "*Mellieħa Only*". Minħabba dawn ir-raġunijiet, inkitbet ittra lill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija – Reġjun B – fejn intalab sabiex jiġu rtirati l-avviżi ta' kontravvenzjonijiet li nħarġu fl-ewwel jumejn.

9.3. Is-Sur R. Cutajar ilmenta li d-diriġenti ta' Arriva Malta Ltd mhumiex josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija minn Transport Malta, billi r-rotot kollha qed jgħaddu minn Triq Ġorġ Borg Olivier, mhux kif kien propost mill-Kunsill, li jgħaddu biss dawk fuq ir-rotta Nru. 41. Kompla jgħid li l-karozzi tal-linja Nri. 221 u 222 lanqas m'huma qed isegwu r-rotta mogħtija minn Transport Malta. Is-Sindku fakkar li dawn huma arranġamenti temporanji, li sfortunatament qed iħalltu ma' l-iskema tal-*one-ways* li qed jipproponi l-Kunsill.

9.4. Is-Sindku rrefera wkoll għal ilmenti li qed isiru minn xi wħud, fis-sens li t-traġitt ta' volum kbir ta' traffiku qrib id-dar tal-anzjani qed ikun ta' periklu għall-istess residenti ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Minn kuntatti li kien hemm mal-uffiċjal ikarigat fid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani u dokument li ġie ppreżentat, irriżulta li bħala miżura ta' sigurta`, persuna ma tistax tidħol jew toħroġ mid-dar tal-anzjani, jekk il-bieb ma jinfetaħx mill-persuna nkarigata mis-sigurta`. Huwa tenna li wieħed ma jistax jevalwa s-sistema proposta mill-Kunsill, sakemm Dawret il-Mellieħa tkun magħluqa.

## 10.1. PA 1302/06; PA 1927/06; PA 2761/06 - Żvilupp tal-barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol III)

10.2. Għal din il-parti tas-seduta attendew diversi residenti miż-żoni Ta' Masrija u Tas-Salib.

10.3. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għal ittra datata 23 ta' Jannar 2012, mibgħuta lill-MEPA u kkuppjata lill-Kunsill mill-Ispiżjar Mark Cilia, fejn ta' numru ta' raġunijiet għaliex huwa oġġezzjona għall-iżvilupp propost fit-tliet applikazzjonijiet imsemmija. Saret referenza wkoll għal ittra oħra datata 17 ta' Lulju 2007, mibgħuta mill-MEPA lir-residenti fejn intqal li ser jiġi kkunsidrat biss bini ta' tliet sular 'il fuq mil-livell tat-triq u *penthouse*, fiż-żona konfinanti minn Triq Lewis Wettinger, Triq it-Tgħam, Triq Ta' Masrija, Triq ir-Riħan u Triq ir-Rattan.

10.4. Wara aktar diskussjoni, fuq talba verbali xi residenti, il-Kunsill iddeċieda li għandu jsejjaħ laqgħa urġenti għar-residenti kollha fiż-żona Ta' Masrija, bil-għan li ssir magħrufa l-posizzjoni tagħhom in ġenerali, bl-istess mod kif sar mal-perit tal-iżviluppaturi fis-seduta Nru. 62 tas-16 ta' Novembru 2011. Dan sabiex ikunu jistgħu jsiru rappreżentazzjoni mal-MEPA sad-data tal-għeluq fis-6 ta' Frar 2012. Il-laqgħa ġiet appuntata għat-3 ta' Frar 2012 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

### 11.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

***"Billi skond il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandu jiġi ppreżentat il-Budget u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u***

***Billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nru. 63 tal-5 ta' Diċembru 2011, kif ukoll saret laqgħa għar-residenti tal-lokalita`, skont ma jitlob l-imsemmi Att fit-23 ta' Jannar 2012;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2012 u l-Business Plan għas-snin 2012/2014, skont l-abbozz finali mressaq.".*** **(F/1/22)**

11.2. Is-Segretarju rrefera għall-ittra data 31 ta' Jannar 2012, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn għarrfu li l-allokazzjoni annwali għas-sena finanzjarja 2012, ġiet aġġustata minn €996,501 għal €990,928. Dan billi l-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment għamel xi reviżjonijiet fl-estimi finanzjarji tal-Gvern. Is-Sur C. Debono għalhekk qal li l-iskedi tal-estimi mgħoddija lill-kunsillieri qabel is-seduta għandhom jiġu aġġustati minħabba din ir-raġuni.

11.3. Il-Kunsill approva l-estimi b'mod unanimu bl-aġġustament indikat, mingħajr ebda emenda oħra, wara li l-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

### 12.1. Proġetti li jinvolvu ż-żgħażagħ (P/10/15)(P/10/16)(P/10/17)

12.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għal tliet opportunitajiet li żgħażagħ Melleħin għandhom biex jipparteċipaw fi proġetti parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, permezz tal-programm *Youth in Action*. Huwa spjega li dawn huma kif ġej:

(a) Proġett bl-isem *Young@Heart* li ser jitwettaq f'Malta bejn il-15 u l-24 ta' Mejju 2012 u li jinvolvi 35 persuna;

(b) Proġett bl-isem *Plan Today Act Tomorrow* li ser jitwettaq fil-Latvia bejn l-14 u l-24 ta' Lulju 2012 u jinvolvi seba' persuni nkluż il-*leader*; u

(c) Proġett *Your Success Depends on Your Activity* li ser jitwettaq fil-Polonja (Krakovja) bejn l-1 u s-6 ta' Settembru 2012, u jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' żewġ delegati żgħażagħ f'seminar li ser jittratta t-tema msemmija.

12.3. Il-Kunsill approva t-tliet inizjattivi proposti mis-Sur H. Fenech.

### 13.1. Fehim dwar servizzi mogħtija mill-Għaqdiet Mużikali (K/2/53)

13.2. Is-Sindku fakkar li l-ftehim imsemmi skada fl-2011, kif ukoll il-kummenti li kien saru fl-ittra ta' direzzjoni mill-udituri, fis-sens li ma kinux qed joħorġu sejħiet għall-stimi jew offerti, dwar servizzi li kienu qed jingħataw matul is-sena mill-għaqdiet mużikali. Is-Sur C. Cutajar qal li jridu jinstabu mezzi oħra li tippermetti l-liġi biex jinkisbu servizzi mużikali waqt l-attivitajiet li jittellgħu mill-għaqdiet konċernati fil-Mellieħa.

13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jitfassal programm fuq sena sħiħa mqassam bejn it-tliet għaqdiet involuti.

### 14.1. *Centre strip* fi Triq il-Marfa bi dritt Triq Għajn Tuta (T/3/3/Vol IV)

14.2. Is-Sindku rrefera għal rappreżentazzjonijiet li kienu saru ma' Transport Malta rigward il-ħruġ minn Triq Għajn Tuta għal Triq il-Marfa, fid-direzzjoni lejn il-Mellieħa. Huwa fakkar li Transport Malta kienet ressqet emenda mal-MEPA sabiex tkun tista' tiffaċilita` din il-manuvra. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa akkumpanja lid-Deputat *Chairman* ta' Transport Malta waqt żjara li saret fuq il-post.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 15.1. *Soft area* bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)

15.2. Is-Sur R. Cutajar għarraf li tkompla x-xogħol fuq il-proġett imsemmi wara li l-MEPA approvat l-emenda mitluba fuq il-permess oriġinali. Huwa ppropona li l-funtana li ġiet approvata u l-*fittings* tal-elettriku u l-ilma meħtieġa, jistgħu jiġu nkorporati fil-kuntratt eżistenti, peress li mhux mistenni li s-somma ġlobali tinqabeż.

15.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 16.1. Sorvejlanza tat-traffiku fejn l-iskejjel (W/3/Vol VIII)

16.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li wara laqgħa li kien hemm bejn il-Kumitat Reġjonali Tramuntana u l-Kummissarju tal-Pulizija, ġie stabbilit li l-Pulizija ser jibdew jissorveljaw it-traffiku fejn l-iskejjel kollha, minflok il-Gwardjani Lokali.

16.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 17.1. Magazin "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol V)

17.2. Is-Sindku fakkar li fil-jiem illi ser isegwu din is-seduta, ser jitqassam l-abbozz tal-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa", lill-membri kollha tal-Kunsill, sabiex jaraw u jikkummentaw dwaru qabel dan jiġi stampat.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2012, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |